**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **27** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2011 fil-5.30p.m.**

# L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-6.00p.m.)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fis-6.10p.m.) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Jesmond Mugliett |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 26.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Rigward Kwotazzjoni MLC 05/2011 – Cleaning of Water Culverts.
6. Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM2011/06 – Upgrading and Embellishment of Playarea at Misraħ Mifsud Bonnici.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 26(1) tas-7 ta' Settembru 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 4 punt *'VolunTEAMing – International Workshop'*, l-ammont li għandu jingħata lill-membri li se jattendu għal dan il-workshop huwa €124 u mhux €112.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

- **Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fis-6.00p.m.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fuq item 3.1 rigward li għandu jsir taraġ fi Triq l-Immakulata u Triq San Nikola. Is-Sur Camilleri ressaq pjanti li saru minn Perit ħabib ~~tiegħu~~ tar-resident li joqgħod f'din it-triq għal dan it-taraġ, fejn talab li nressquhom għand il-Perit tagħna u nitolbu lit-TM sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fuq item 3.2 rigward il-bandli taż-Żonqor fejn staqsa jekk dan il-bandli hux ser jinbidel kollu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar wieġeb għall-mistoqsija tiegħu fejn spjega li wara li kellu laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill, dawn iddeċidew li l-*'play structure'* irid jinbidel kollu kif ukoll anke r-*'rubber flooring'* u barra minnhekk iċ-ċnut iridu jiġu mdawra b'*railing* għas-sigurta` tat-tfal. Il-fondi għal dan il-proġett se napplikaw għalih mill-iskema ta' memo 66/2011 u l-kumplament nitolbu mill-fondi tal-UIF.

- **Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-6.10p.m.**

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fuq item 3.3 fejn staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv ħriġniex it-tender għan-niċċeċ ta' Sant'Anna u San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb għall-mistoqsija tas-Sur Camilleri fejn qal li dawn iż-żewġ niċċeċ nistgħu noħorġu sejħa għall-kwotazzjoni u din is-sejħa dalwaqt tinħareġ fi żmien qarib.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Żieda fl-Iskala tas-Sinjura Lucille Attard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sinjura Lucille Bonnici wslet fil-quċċata ta' skala 13 u allura l-Kunsill jista` jikkunsidra li ssir promozzjoni fi skala 11 ċioe` dik ta' Assitent Prinċipal.

Il-Kunsill qabel unanimament li minn effett 1 ta' Settembru, 2011 l-impjegata Lucille Bonnici tieħu din il-promozzjoni.

3.2 **Skema 125 – Gal Xlokk (#35/5255/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Gal Xlokk se toħroġ skema ġdida 125 li tikkonċerna xi fondi li jkopru l-aċċess għall-irziezet u agrikoltura.

Il-Kunsill qabel unanimament li meta toħroġ din l-iskema napplikaw għalija u ninkludu triq li tagħti minn Triq il-Blajjiet għall-Kappella ta' San'Anard u l-*Beachpost* ta' San'Anard. Ġie rakkomandat ukoll li wieħed jistħarreġ jekk din it-trejqa għandiex isem mal-*istreet naming committee.*

3.3 **Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' proġetti Speċjali 2011 (#35/5132/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna memo mid-dipartiment għall fondi speċjali għal-2011 li hi mmirata li tinċentiva proġetti krejattivi fil-lokalitajiet kollha.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu kellu laqgħa mas-Sur Chris Said fejn kien semmilu 'l fatt li l-Kunsill ma kellux fondi allokati għal-*Air Quality Specialist.* Fuq dan ir-rigward is-Sindku ppropona li nitolbu l-fondi minn din l-iskema fuq dan ir-rigward.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu wkoll iltaqa` fuq dan ir-rigward mal-Profs Buhagiar fejn tkellmu li hu nteressat li jagħmel dan ix-xogħol għalina bi brezz ta' €54 is-siegħa, iżda peress li hu residenti hawn xtaq li jagħti kontribut u ta' siegħa xogħol jitħallas ta' nofs siegħa.

Is-Sindku ssuġġerixxa li aħna bħala Kunsill sabiex ma naqbżux id-*direct order* u sakemm wieħed jaħdem biex jerġa joħroġ tender ġdida wara li diġa ħriġna din it-tender darbtejn u bla suċċess. Il-Profs Buhagiar jiġi kkummisjunat li jagħmel b'kemm jiswew €1165 *Data Collection* tal-arja fil-viċinanza tal-Impjant ta' Sant'Antnin, kif ukoll jiġi kkumisjunat biex jagħmel analiżi tad-data miġbura u r-rapporti relatati minn din l-analiżi, kif ukoll suġġerimenti li naħsbu li xjentifikament ikun validu biex il-prgramm tal-Moniteraġġ li l-WasteServ qed tagħmel biex tippreżentah lill-MEPA, kif ukoll proposti lill-Kunsill tagħna kif għandu jaġixxi biex jisgura li s-saħħa tar-residenti tkun imħarsa kemm jista` jkun minn effetti negattivi li l-operat tal-Impjant jista` jikkaġuna. Dan ikun *assignment* apparti dak tad-*Data Collection*, b'hekk il-Kunsill ikun jista` jagħtih *Direct Order* oħra ta' €1165. Dan peress illi l-ġeneru tax-xogħol kien differenti.

Barra minn hekk il-Kunsill għandu d-dritt li jaħtar rappreżentant tiegħu fuq l-*environmental monitoring committee* ippresedut mill-MEPA li ser jippresedi għaliha s-Sindku kif ukoll il-Profs Buhagiar flimkien ma' rappreżentanti mill-*Environment Protection Directorate* (EPD) tal-MEPA, u mill-WasteServ.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li hu jaqbel li nqabdu lill-Profs Buhagiar għal dawn l-ewwel xahrejn u sabiex inkunu korretti nerġgħu noħorġu tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li hu każ urġenti u l-urġenza tinsab ċarament fl-ittra li ntbagħtet lill-Kunsill mill-MEPA fejn talbu rappreżentanza mill-Kunsill u rridu nibdew dan ix-xogħol mill-Profs Buhagiar u fil-frattemp naħdmu biex noħorġu it-tielet sejħa għall-offerti fuq dan il-proġett. Dan għandi jsir wara l-ewwel analiżi mill-Profs Buhagiar.

3.4 **Aġenzija Żgħażagħ (#35/5104/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand Aġenzija Żgħażagħ fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jifforma Kunsill għaż-Żgħażagħ fejn dawn iridu jibdew jiltaqgħu regolari u jibdew jaħdmu biex jiffurmaw proġett sħiħ komplut bħal ma jagħmel il-Kunsill tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li din hija ħaġa mpenjattiva ħafna u meta hu prova javviċina xi żgħażagħ għal proġett bħal dan, ħadd ma applika.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jidħolx għal dan il-proġett.

3.5 **Laqgħa mal-WasteServ tat-12 ta' Settembru, 2011:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-minuti tal-laqgħa li saret ġewwa l-WasteServ nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru.

Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne, barra s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku fejn qalet li hemm indafa kbira ġewwa l-WasteServ.

Is-Sindku qal ukoll li hu kkonferma li dik l-applikazzjoni li kienet saret mill-WasteServ kienet biss tinvolvi sanctioning ta' estensjoni ta' garaxxijiet diġa eżistenti sabiex ikunu jistgħu jimmanuvraw aħjar l-*iscammels*.

Is-Sindku qal ukoll li tlabna *sponsorship* lill-WasteServ għall-ammont ta' €4000 fuq il-*homework help* u wara konsultazzjoni mal-bord, ġie deċiż li l-WasteServ kienet lesta tgħin permezz ta' donazzjani ta' €3000.

Għal dan ir-rigward il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne qalet li minn dak inhar li saret il-laqgħa mal-WasteServ, l-Gvern ħareġ skema dwar dan fejn il-ġenituri jridu jħallsu €1.20 għal kull siegħa u tkun ġo l-iskola stess u allura l-flus jistgħu jintużaw għal skop ieħor.

Is-Sindku qal li naraw x'nistgħu nagħmlu biex ngħinu lil dawk il-familji vunerabbli li ma jkunux jistgħu iħallsu għall-edukazzjoni ta' wliedhom.

Is-Sindku qal ukoll li talab għajnuna oħra lill-WasteServ dwar bankijiet magħmulin minn materjal riċiklat biex jitwaħħlu matul il-promenade minflok dawk eżistenti. Huma aċċettaw li jagħtuna 12-il bank. Rigward dan hemm il-possibilita` wkoll li noħolqu skema għal min hu nteressat li jisponsorja bank, billi titwaħħal plakka mal-bank ta' xi ħadd għażiż li jkun ħalla din id-dinja.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li fuq il-possibilita` ta' sponsor dwar il-*heritage trail*, huwa kien iltaqa` darbtejn mas-Sinjura Daniela tal-WasteServ.

3.6 **Projects Proposal for Small Grants dwar Wild Water Team Building (#35/4955/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li D. Consulta Ltd qed iressqu proġett ieħor għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn sabiex napplikaw għal-dan il-proġett irridu nħallsu l-ammont ta' €1000.

Is-Sindku qal li hu kien iltaqa` mas-Sur Mark Causon, fejn qallu sabiex D. Consulta Ltd iħallas għal din l-applikazzjoni għax aħna li jinteressana huwa li ntellgħu liż-żgħażagħ tagħna għal dawn il-*workshops* u fil-każ li jirbħu xi fondi, l-istess fondi ovvjament imorru għal D. Consulta.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nipparteċipaw.

3.7 **Proġett Shoulder to Shoulder kkordinat minn D. Consulta Ltd.:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proġett *Shoulder to Shoulder* – ikkordinat minn D. Consulta Ltd li jaqa` taħt il-programm *Youth in Action.* Dan jikkonsisti biex żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-25 sena jitilgħu ir-Rumanija għal ġimgħa. Dna il-proġett huwa 75% *funded* mill-EU.

Is-Sindku qal li hu avviċina ħafna nies sa anke bagħat *email* lill-Kunsilli kollha biex min hu interessat jipparteċipa għal dan il-proġett jibgħatilna, pero` ħadd ma bagħatilna risposta, meta tqis li dan huwa proġett fejn tikkonċerna nies għomja, ftit huwa ċ-ċans li ssib min hu nteressat għalija.

3.8 **UCA Street Classification Exercise Public Consultation (#35/5036/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li l-Kunsill jagħti l-kummenti tiegħu dwar *UCA street classification exercise* li qed isir mill-MEPA. Din l-informazzjoni ntbagħtet lill-Kunsilliera minn qabel sabiex ikollhom ċans jevalwaw din l-informazzjoni minn ħafna qabel is-seduta tal-Kunsill, kif ukoll kienet ġiet diskussa ma' uffiċċjali tal-MEPA fil-passat.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni għall-*UCA Street Classification* kif propost mill-MEPA.

3.9 **Programm Radju Homepsch:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hu, s-Sinjura Carmen Fearne u anke s-Sur Alfred Debono alternattivament kienu jmorru fuq Radju Hompesch darba fix-xahar sabiex ninfurmaw lir-residenti tagħna dwar l-attivitajiet li jsiru mill-Kunsill, dan dejjem fuq *agreement* li kien sar magħhom u li nħallsu €50 fix-xahar kif approvat diġa mill-Kunsill. Għal dan ir-rigward is-Sindku tenna li dan l-aħħar kien qiegħed isegwi Radju Hompesch fejn kien qed jiġi trattat programm ta' diskussjoni mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar u b'hekk jipproponi lill-Kunsill li flok inmorru ninfurmaw lir-residenti fuq attivitajiet biss, jibdew jiġu mistiedna tlieta mill-Kunsilliera darba fix-xahar fejn jiddiskutu l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill preċedenti u waqt il-programm xorta jkun hemm ċans fejn wieħed jinforma lir-residenti dwar attivitajiet li jkunu għaddejjin.

Il-Kunsill qabel unanimament li nwaqqfu l-ewwel *agreement* magħhom fuq l-attivitajiet u nagħmlu *agreement* ieħor magħhom għal dan il-programm il-ġdid bl-istess ammont ta' €50 fix-xahar.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ssuġġerixxa wkoll li nirriklamaw dan l-*agreement* ma' radju Hompesch fuq il-magazine tagħna, sabiex ir-residenti jibdew jisimgħu il-programm.

3.10 **Korrisponenza mill-GO dwar possibilita` ta' sponsorship:**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-GO se jtuna *sponsorship* ta' €1300 biex nutilizzawhom għall-*embellishment* tas-*soft area* li għanda fi Triq il-Blajjiet kantuniera ma' Triq Ħaż-Żabbar.

Dan wara li s-Sindku ltaqa` diversi drabi ma rappreżentanti tal-GO u fil-fatt issa kien tkellem ukoll lis-Sur Michael Mertsch waqt żjara li għamel dan l-aħħar ġewwa Marsaskala.

3.11 **Bulgaria new Project – Youth Exchange – Volunteers without borders (#35/5362/11/I):**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li dwar dan il-proġett li jsir bejn il-11 u t-18 ta' Novembru jonqos żgħażugħ jew żgħażugħa oħra xi ntellgħu ġewwa l-Bulgarija. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera preżenti jekk xi ħadd minnhom ikunu jaf b'xi żgħażagħ javviċinah. Għal dan il-workshop kull ma jħallsu dawn iż-żgħażagħ huwa €250.

3.12 **Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012 (#35/5259/11/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal din l-iskema parti tkun ffinanzjata mill-Kunsill għall-Isport u parti mill-Kunsill għall-ammonta ta' €3723.

Il-Kunsill approva unanimament li ma japplikax għal din l-iskema.

3.13 **Ittra mill-MED Design Associates (#35/5452/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand il-MED Design Associates fejn qed jitolbuna li wara li ħadna d-deċiżjoni li l-Perit ġdid tal-Kunsill se jkun il-Perit Aaron Abela u mhux il-Med Design Associates talbuna jekk hux se jibqgħu jaħdmu fuq il-proġetti 25100-45 – *'Construction of stairs in Promenade,* u fuq il-proġett 25100-46 – *'Installation oh PV Panels'*, u fuq il-proġett 25100-30 – *'To relocate niche od Saint Spiridione'* barra 'l fatt li ma qablux mad-deċiżjoni tagħna li ntgħażel il-Perit Aaron Abela flokhom wara tant snin jaħdmu mal-Kunsill bħala Periti tagħna.

Is-Sindku qal li l-fattur determinanti li għażilna lill-Perit Aaron Abela u mhux lilhom kienet li kien l-irħas offerent u min-naħa l-oħra vera li l-Perit Aaron Abela kien jaħdem magħhom meta aħna kellna l-kuntratt magħhom, pero` wieħed irid jikkonsidra li hu kien il-Perit tagħna għal dawn l-aħħar sitt snin dejjem imqabbad mill-kumpanija Med Design u dejjem tagħna xogħol siwi u fil-pront.

Is-Sindku ssuġġerixxa li x-xogħol li bdew s'issa huma, għandhom ikompluh il-MED Design Associates.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li għandna nistaqsu lill-Perit Aaron Abela jekk hux lest ikompli fuq il-proġetti tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li Med Design Associates bagħtu żewġ invoices fuq *professional fees* dwar iż-żewġ proġetti msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom ikomplu fuq it-tlett proġetti hawn fuq imsemmija u fuq il-ħames proġetti l-oħra li huma mniżżla fl-ittra li għadhom biss fil-fażi li jew qegħdin għand il-MEPA jew ħareġ permess għalihom ikomplihom il-Perit tagħna.

3.14 **European Week for Waste reduction (#35/5444/1/I):**

Dan is-suġġett kien diġa ssemma` f'seduta preċedenti u s-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Jesmond Mugliett kien se jieħu ħsieb ta' kollox.

3.15 **<u>One Way fi Triq is-Sajjieda u Triq il-Vajrita (#35/4970/11/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand Transport Malta mis-Sinjura Testaferrata de Noto fejn qed tgħid li ma ssib ebda oġġezzjoni li Triq is-Sajjieda ssir *one way* 'l fuq , pero` għal Triq il-Vajrita sabet oġġezzjoni. Il-Kunsill kien applika primarjament sabiex Triq il-Vajrita tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku u ssir *one way* 'l isfel wara li rċieva –petizzjoni mir-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna niffissaw laqgħa mas-Sinjura Testaferrata De Noto jew rappreżentanti tagħha sabiex nitkellmu fuq Triq il-Vajrita fuq il-post.

3.16 **<u>Tnaqqis mill-allokazzjoni (#35/5466/11/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna email mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn qed tgħid li l-allokazzjoni għall-aħħar kwart tas-sena finanzjarja 2011 qed jiġi mnaqqas l-ammont ta' €6,693,45 bħala penali talli r-Rapport tal-awdituri tal-Kunsill tagħna ma wasalx fil-ħin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wieġeb din l-ittra fejn ġab għall-attenzjoni tad-Direttur li l-Kunsill Lokali Marsaskala għandu raġun f'din il-kwistjoni u jassigura li l-Kunsill tagħna bħala awtorita` legali u distinta se tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tissalvagwardja l-interessi tagħha.

Il-Kunsill tagħna min-naħa tiegħu għamel dak kollu neċessarju u d-*deadlines* stipolati li għandhom x'jaqsmu mal-Kunsill Lokali ġew milħuqa. Id-*deadline* li ma ġiex milħuq kien dak fejn l-awdituri kellhom jissottomettu r-rapport tagħhom lill-awdituri tal-Gvern Ċentrali flimkien mal-*Financial Statements* sat-2 ta' Mejju, 2011 iżda dwar dan il-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli.

3.17 **<u>Laqgħa mal-WasteServ tal-4 ta' Ottubru, 2011:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-minuti tal-laqgħa li saret ġewwa l-WasteServ nhar it-Tnejn 4 ta Ottubru, 2011, għall-attenzjoni tal-Kunsill.

Dan is-suġġett kien diġa ġie diskuss u eżawrit f'artiklu 3.5 ta' din is-seduta.

3.18 **<u>Bord ta' evalwazzjoni dwar it-tenders tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja ERDF 212:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rridu naħtru kumitat tal-Bord għall-evalwazzjoni tat-tenders tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja ERDF 212 u dan kien diġa ġie diskuss f'seduta preċedenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li għall-*Administrative criteria* naħtru lis-Sur Mark Causon, rigward *Technical Criteria* naħtru lill-Perit Aaron Abela u għar-rigward tas-settur tal-Finanzi naħtru *Accountant* li m'hemmx għalfejn ikun l-*accountant* tal-Kunsill u kien hemm qbil li nqabdu lill-*Accountant* minn Darma Consult.

3.19 **Korrispondenza mis-Summer Nights Bar & Restorant (#35/5553/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna email mingħand is-Sur Matthew Pace, tas-Summer Nights Bar & Restorant fejn qed jitlob lill-Kunsill biex nestendu l-permess li jarma *big screen* ġo Pjazza Mifsud Bonnici sa l-aħħar ta' Diċembru 2011.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm għalissa għadu ma bediex il-proġett tal-bandli, pero` appena jibda l-proġett ħadd mill-ħwienet tal-pjazza mhu se jitħallew joħorġu mwejjed u siġġijiet iktar milli jagħtihom il-permess tal-Lands.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġie nkarigat ukoll li jitlob lis-Sur Frank Farrugia tal-MTA biex ituna l-post eżatt se fejn jistgħu joħorġu bl-imwejjed u s-siġġijiet.

Il-Kunsill approva unanimament dan kollu.

3.20 **Environmental (Odour) Monitoring Programme for the Sant'Antnin Waste Treatment (#35/5543/11/I):**

Il-Kunsill ġie mistieden mill-MEPA sabiex jattendi għall-laqgħa ġewwa l-WasteServ nhar l-24 ta' Ottubru fit-3.00p.m. sabiex nibgħatu rappreżentant fl-*environmental monitoring committee*, li se ssir l-Impjant stess.

Il-Kunsill approva unanimament li għal din il-laqgħa għandhom ikunu preżenti s-Sindku u l-Profs Buhagiar bħala *Air Quality Specialist* u li għandna ninfurmawhom b'dan kollu. Dan ġie diskuss diġa f'artiklu 3.3.

3.21 **Attivita` b'risq l-Istrina (#35/5570/11/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li ġie avviċinat mill-uffiċċju tal-President għar-rigward attivita` b'risq l-Istrina. Huwa qal li bħala President tal-Marsaskala Futbol Team se jorganizzaw *tournament* tal-futbol bi prezz ta' €2 kull persuna u li jinġabar se jmur għall-Istrina. Is-Sur Spiteri avviċina wkoll lill-Kumitat tal-*Martial Arts* fejn huma wkoll se jagħmlu *tournament* għal dan il-għan. Barra minn dawn iż-żewġ *tournaments*, is-Sur Spiteri avviċina wkoll lil Organizzaturi tas-Sajda li saret is-sena l-oħra ġewwa Marsaskala u talabhom jagħmlu kompetizzjoni tas-sajd għall-mulett b'risq l-Istrina, fejn dawn talbuna li l-Kunsill tagħna jisponsorja 6 *trophies*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.22 **Korrispondenza mil-Għaqda Bajja San Tumas :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Għaqda Bajja San Tumas talbuna nisponsorjaw 2 *billboards* li jammontaw €500 sabiex jitwaħħlu qrib ir-Ridott, iżda wara telefonata s-Segretarju Eżekuttiv ġie nfurmat li jekk nagħmlu tabella waħda tkun suffiċjenti, fejn il-Kunsill jonfoq inqas.

Il-Kunsill approva unanimament.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ħareġ mill-laqgħa fit-8.35p.m.***

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċieva email b'~~rendikont~~ budget finanzjarju fuq Iljieli Skalin fejn sab ruħu offiż bħala Kunsillier għax l-affarijiet jintbagħtu qabel lill-Kunsill u mhux wara li jkunu saru l-attivitajiet. Is-Sur Ciantar se jastjeni għall-pagamenti kollha li jikkonċernaw Iljieli Skalin mhux għax ma jaqbilx mal-proġetti li twettqu, imma għax għandu dritt ikun jaf fuq l-attivitajiet minn qabel.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u staqsieh kemm l-attivita` attenda dawn l-aħħar tlett ijiem. Is-Sur Ciantar qal xejn. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera li taw l-għajnuna tagħhom.

Il-Kunsilliera is-Sinjura Carmen Fearne qalet li għandna jkollna l-*costings* tal-attivitajiet minn qabel ħabba l-prinċipju li l-Kunsill dejjem mexa b'dan il-mod fuq kollox.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppropona li għandu jkun hemm minuti meta jiltaqa` s-Sotto Kumitat tal-Kultura u jiġu mressqa fil-laqgħat tal-Kunsill, biex b'hekk il-Kunsill ikun jaf dejjem x'inhu għaddej minn qabel.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li aħna mhux għax ma nafdawx lil dan is-Sotto Kumitat, anzi għandna fiduċja fihom kollha, pero ` għandna dritt inkunu nfurmati bil-*costings* minn qabel u din hija regola għal kullħadd.

4.2 **Pagament Nru #793:**

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-pagament dovut lil Test Database m'għandux jinħareġ għalissa, sakemm niċċekjaw sewwa dwar, filkaż jitressaq għal laqgħa oħra.

4.3 **Pagament Nru #689:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li Polidano Bros ma kienx għadu bagħat l-*invoice*. Se nħallsuh fuq iċ-ċertifikat tal-Perit.

Għal dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv saqsa lill-Kunsill fejn kien ser ikompli bil-*major patching* fil-lokalita` tagħna, sabiex nagħmlu l-*works order* lill-Polidano Bros.

Il-Kunsill approva unanimament li għandhom isiru dawn it-toroq : Dawret it-Torri, Triq San Ġwakkin ħdejn il-*bus stop*, Triq La Sengle, Triq il-Batterija u Pjazza Dun Tarċis Aġius.

4.4 **Pagamenti lin-Nexos Street Lighting:**

Il-Kunsill qabel unanimament li nħallsu żewġ pagamenti lin-Nexos Street Lighting, avolja m'humiex imniżżla fil-lista tal-ħlasijiet, għax waslu tard minħabba ċ-ċertifikazzjoni tagħhom.

1) Invoice No 2010193 – Date 28/09/11 – Ammont €1452.89
2) Invoice No 2010192 – Date 29/09/11 – Ammont €915.50

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fis-seduta Nru 26 kien hemm żball fuq item Nru 738 fejn iċ-ċekk ridna nibgħatuh lis-Sinjura Sandra Galea mhux Sandra Formosa.

Il-Kunsill approva ~~unanimament~~ dawn il-pagamenti.

- ***Sospensjoni tar-Regolamenti għal item No 8 ta' l-Aġenda.***

8.0 ***Mozzjonijiet :***

8.1 ***Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#255 – (13/05/11):***

*"Jipproponi sabiex jsiru parking bases fi Triq is-Swejda."*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.2 ***Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#271 – (5/09/11):***

*"Jipproponi sabiex ssir CCTV camera fil-kantuniera ta' Triq il-Magħluq ma' Triq Apap Bologna, minħabba l-kwantita` ta' skart li qed ikun hemm. Diġa waħħalna tabella u bgħatna ittra lir-residenti taż-żona, pero` bqajna bil-problema tista` tgħid il-ġurnata kollha. Ritratt anness ".*

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu *sponsorship* lill-WasteServ.

8.3 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#273 – (29/09/11):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu un/loading quddiem Ocean Reaf fi Triq tal-Gardiel u quddiem Sensi Hotel fi Triq il-Maħsel fil-ħinijiet mit-8.00a.m sa 12.00p.m. u mis-6.00p.m. sa l-10.30p.m.rispettivament".*

Il-Kunsill approva unanimament li ngħidu lill-propjetarju sabiex japplika hu għall *alighting & boarding* min-naħa ta' Triq tal-Gardiel.

8.4 ***Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#274 – (30/09/11):***

*"Jipproponi sabiex jinxtraw 25 ktieb bl-isem 'Medietteranean Sea Fishes Central Region' u 3 oħra bl-isem 'Immorru Nistadu' biex jingħataw bħala rigal meta wieħed iżur pajjiżi oħra fl-Ewropa u inpoġġu wkoll sett minnhom fil-librerija tal-Kunsill".*

Il-Kunsill approva unanimament.

8.5 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#275 – (30/09/11):**

*"Jipproponi sabiex tingħata tindifa ġenerali fi Triq il-Qaliet quddiem il-villel sal-ġnien".*

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu *works order* lil Ronald Bezzina .

8.6 ***Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#276 – (30/09/11):***

*"Jipproponi sabiex Triq il-Bidni minn Triq Ħaż Żabbar sa ħdejn il-Kappella tat-tlett islaleb tingħata bil-konkos minħabba li kien hemm diversi lmenti mir-residenti ta' din it-triq għall-istat ħażin li tinsab fija din it-triq".*

Il-Kunsill approva unanimament li għandna ndaħħluha fil-budget tas-sena ddieħla.

8.7 ***Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Jesmond Mugliett (#277 – (5/09/11):***

*"Jipproponi sabiex issir CCTV camera fejn il-Bring-In-Sites ta' fejn il-Playing Ground ta' Pjazza Mifsud Bonniċi, minħabba l-kwantita` ta' skart li qed ikun hemm fejn il-BIS. Diġa waħħalna tabella u bagħatna ittra lill-ħwienet kollha fiż-żona konna, pero` bqajna bil-problema xorta waħda mhux biss kmieni filgħodu iżda anki wara nofsinhar".*

Il-Kunsill approva unanimament, iżda għandu jistenna sakemm il-Kuntrattur li jintgħażel mill-Kunsill għax-xogħol ta' Pjazza Mifsud Bonniċi u din il-kamera tiġi ntegrata mat-tlieta l-oħra li hemm fit-tender bħala xogħol *extra.*

5.0 ***MLC 05/2011 – Cleaning of Culverts:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Mr. Owen Borg | €1645 |
| 2. | Stainless Steel Structure | €945 |
| 3. | General Ecological Services | €2000 |

Peress li dan kien każ urġenti u ma stajniex nistennew sa din is-seduta tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sindku avviċina lil Stainless Steel Structure peress li hu kien l-orħos offerent biex jibda x-xogħol kemm jista` jkun malajr għax se tibda x-xita. Huwa nfurmana li ma kellux *power wash,* għalhekk ma setax jagħmel dan ix-xogħol.

Fuq dan ir-rigward tqabbad lis-Sur Owen Borg peress li kien it-tieni wieħed l-irħas biex jagħmel dan ix-xogħol. Ix-xogħol sar u sar sewwa u l-Kunsilliera kollha kienu nfurmati bil-proċess kollu u kienet qegħda tissemma fil-minuti biex tiġi uffiċjali.

6.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM2011/06 – Upgrading and Embellishment of Playarea at Misraħ Mifsud bonnici.***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-minuti tat-tieni seduta li saru mill-bord ta' evalwazzjoni nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2011.

Wara li l-Kunsill ħa nkonsiderazzjoni l-minuti tal-bord ta' evalwazzjoni u wara li l-Kunsill ħa nkosiderazzjoni wkoll it-tweġiba min-naħa tad-Direttur tal-Kuntratti datata 7 ta' Ottubru, 2011 il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala bi qabil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti deċieda li jaġġudika din is-sejħa lil JGC Ltd peress li kienet l-unika kumpanija li kienet *technically compliant* u li ma qabżitx il-limiti ta' flus stipolati fl-istess sejħa għall-offerti

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

9.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li jsiru *Aerobis Sessions* għar-residenti ta' Marsaskala fejn il-Kunsill jisponsorja €5 għal kull persuna. Dawn il-lezzjonijiet se jsiru Ħaż-Żabbar, pero` l-Kunsill qabel unanimament li meta niġbru n-nies għal dawn il-lezzjonijiet nitolbuhom l-I.D. Card biex inkunu ċerti li huma residenti tagħna.

10.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.15p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru 2011 fil-5.30pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku